# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 10 ta' Ottubru, 2023.**

**Numru 8**

**Rikors numru 551/2014/1 GM**

**Silvio u Olivia konjuġi Frendo**

**v.**

**Rudolph Gatt u b'digriet tat-28 ta' Awwissu 2014, il-kumpanija GasanMamo Insurance Limited tħalliet tidħol fil-kawża "in statu et terminis"**

1. Din hija kawża għad-danni wara incident awtomobilistiku li seħħ fid-29 ta' Mejju 2011 għall-ħabta tal-3.45am fi Triq il-Belt Valletta, l-Imdina meta l-konvenut li kien qiegħed isuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni HON140 ħabat mal-atturi li kienu qed isuqu l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni XAL281. L-atturi korrew gravement bħala konsegwenza ta' dan l-inċident u jgħidu li l-attriċi Olivia Frendo soffriet debilità permanenti b'rata ta' 45% filwaqt li l-attur Silvio Frendo sofra debilità permanenti

b'rata ta' 8%. Skont l-atturi l-konvenut Rudolph Gatt jaħti unikament għad-danni sofferti minnhom minħabba imprudenza, imperizja, negliġenza u inosservanza tar-regoli tat-traffiku min-naħa tiegħu.

2. F'dawn il-proċeduri huma talbu għalhekk lill-Ewwel Qorti sabiex:

> "1. Tiddikjara lill-intimat Rudolph Gatt unikament responsabbli għall-inċident fuq deskritt u għad-danni kollha li bħala konsegwenza tal-istess ġarrbu l-esponenti;
>
> 2. Tillikwida d-danni kollha tal-esponenti konsistenti f'*damnum emergens*, fi spejjeż rikorrenti kif ukoll f'*lucrum cessans naxxenti mid-diż*abilita' permanenti riskontrata u aċċertata, occorrendo bl-opra ta' periti nominandi;
>
> 3. Tikkundanna lill-intimat Rudolph Gatt sabiex iħallas lill-esponenti dawk l-ammonti kollha li jiġu dikjarati bħala dovuti minnu lill-esponenti in linea ta' danni."

3. Rudolph Gatt eċċepixxa, *inter alia,* il-*lis alibi pendens* peress li l-atturi diġà istitwew proċeduri ta' arbitraġġ fir-rigward tal-istess incident, li l-azzjoni attriċi hija intempestiva ladarba hemm proċeduri ta' arbitraġġ pendenti, li meta seħħ l-inċident in kwistjoni huwa kien kopert minn polza ta' assigurazzjoni valida u għalhekk din il-kawża kellha tiġi istitwita kontra GasanMamo Insurance Limited u mhux kontra tiegħu, li mhuwiex responsabbli għall-inċident stradali mertu ta' dawn il-proċeduri u għalhekk lanqas għad-danni konsegwenzjali u li fi kwalunkwè każ hemm responsabbilità kontributorja peress li fil-ħin tal-inċident l-atturi ma kinux libsin *seatbelt,* u li r-rata ta' debilità allegata mill-atturi hija eċċessiva u eżaġerata stante li ma ġiex applikat il-prinċipju ta' *weighted average*.

4. Wara li ġiet ammessa fil-kawża bħala intervenuta *in statu et terminis* permezz ta' digriet datat 28 ta' Awwissu 2014, is-soċjetà GasanMamo Insurance Limited eċċepiet, *inter alia,* li l-assigurati tagħha kisru l-kondizzjonijiet tal-polza billi naqsu milli jagħtuha aktar informazzjoni dwar iċ-ċirkostanzi tal-każ kif mitlub minnha, li t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt peress li d-danni sofferti minnhom ma seħħewx tort ta' Rudolph Gatt iżda minħabba li l-atturi ma kinux libsin *seatbelt* fil-mument tal-inċident u li n-natura tad-danni subiti mill-atturi hija kkontestata.

5. Bis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-20 ta' Ottubru 2022 ġie deċiż hekk:

> "Għal dawn il-motivi l-Qorti:
>
> 1. Tilqa' in parte l-ewwel talba billi tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli għall-inċident li seħħ fid-29 ta' Mejju 2011 fi Triq il-Belt Valletta, l-Imdina, u għal ħamsa u sebgħin fil-mija (75%) tad-danni li batew l-atturi.
>
> 2. Tilqa' t-tieni talba billi tillikwida d-danni fis-somma ta' €48,350 għall-attur u fis-somma ta' €58,579.10 għall-attrici.
>
> 3. Tilqa' t-tielet talba billi tikkundanna lill-konvenut iħallas ħamsa u sebgħin fil-mija (75%) tad-danni hekk likwidati u ċjoe` €36,263 lill-attur u €43,943.32 lill-attriċi.
>
> Bi tliet kwarti tal-ispejjeż inklużi dawk tal-ittri uffiċjali tat-13 t'April 2012 u tas-27 ta' Frar 2014; u dik ippreżentata kontestwalment mar-rikors ġuramentat a karigu tal-konvenut u kwart ghall-atturi bl-imgħax legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-eventwali ħlas effettiv."

6. L-atturi ppreżentaw ir-rikors tal-appell tagħhom fit-18 ta' Novembru 2022 permezz ta' liema talbu lil din il-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza

appellata billi tiddikjara illi l-attriċi Olivia Frendo ma kellha l-ebda ħtija kontributorja u tirriduċi l-perċentwal ta' 25% applikata bħala ħtija kontributorja lil Silvio Frendo u billi tillikwida d-danni emerġenti favur Silvio Frendo u kif ukoll danni futuri lill-atturi, tirriforma l-parametri addottati mill-Ewwel Qorti fil-likwidazzjoni tal-*lucrum cessans* senjatament għal dak li jirrigwarda r-rata ta' debilità u tikkundanna lill-konvenut iħallas id-danni kollha likwidati mill-Qorti bl-imgħax b'effett mid-data tas-sentenza appellata sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjeż kollha inkluż tal-appell kontra Rudolph Gatt.

7. Is-soċjetà intervenuta GasanMamo Insurance Limited ippreżentat ir-risposta tal-appell tagħha fl-20 ta' Diċembru 2022 permezz ta' liema ssottomettiet li l-appell tal-atturi huwa infondat fil-fatt u fid-dritt u għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontra l-atturi.

8. Il-konvenut Rudolph Gatt ippreżenta r-risposta tal-appell tiegħu fl-20 ta' Diċembru 2022 permezz ta' liema talab lil din il-Qorti sabiex tiċħad l-appell tal-atturi, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tagħhom.

**Ikkonsidrat;**

**L-Ewwel Aggravju**

9. Permezz ta' dan l-aggravju l-appellanti jilmentaw li l-Ewwel Qorti kienet fattwalment u legalment żbaljata meta addebitat responsabbilità kontributorja lilhom għad-danni subiti minnhom minħabba nuqqas tal-ilbies ta' *seat belt.* Jargumentaw illi l-konvenut kellu jressaq prova illi n-nuqqas ta' ilbies ta' *seatbelt* da parti tagħhom kien kawża kontributorja għall-inċident u mingħajr din il-prova ma jistax jiġi kkonsidrat li kien hemm kontributorjetà sempliċiment għaliex ma kinux libsin *seatbelt.* Jgħidu li fir-rigward ta' Olivia Frendo nġabet prova determinanti u skjaċċanti li n-nuqqas tal-ilbies ta' *seat belt* ma kellu l-ebda effett fuq in-natura tal-ġrieħi mġarrba u dan kif jirriżulta mix-xhieda tal-kirurgu Mr. Alex Manche li kien opera lill-attriċi u li kien ikkonferma li l-ilbies ta' *seat belt* ma kienx jagħmel differenza għall-ġrieħi li sofriet l-attriċi u li kienu *airbags* li setgħu għenu. Jilmentaw dwar il-fatt li l-Ewwel Qorti kkonsidrat li Mr. Alex Manche kien inkonsistenti fil-verżjoni tiegħu b'referenza għall-artikolu miktub minnu li kien jirreferi għall-każ mediku tal-attriċi u tgħid li din il-kwistjoni kienet ġiet indirizzata waqt il-kontroeżami tal-istess xhud, li kien reġa' kkonferma li f'dan il-każ l-ilbies ta' *seat belt* ma kienx ser jagħmel differenza għall-ġrieħi li sofriet l-attriċi. Iżidu li Mr. Manche ma kienx l-unika espert li kkonkluda li l-ilbies ta' *seatbelt* ma kienx jagħmel differenza għall-ġrieħi sofferti mill-attriċi, u jagħmlu referenza għax-xhieda ta' Mr. Frederick Zammit Maempel u ta' Dr. Anthony Galea Debono. Jargumentaw li mill-provi jirriżulta li l-attriċi kienet issofri l-istess ġrieħi li kieku kienet liebsa

*seat belt* u allura l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta sabet negliġenza kontributorja da parti tagħha.

10. Fir-rigward ta' Silvio Frendo l-atturi jilmentaw dwar il-fatt li l-Ewwel Qorti kkonsidrat li l-grad ta' kontributorjetà ta' Silvio Frendo kien ta' 25% u jsostnu li dan kellu jkun ta' 15%. Jargumentaw li ġeneralment hija din ir-rata li tintuża f'kawżi konsimili, filwaqt li jagħmlu referenza wkoll għal sentenza deċiża fis-27 ta' Mejju 2021 fl-ismijiet Noel Zahra v. Joseph Orlando li kienet titratta każ fejn sewwieq ta' mutur ma kienx liebes *crash helmet,* u l-Qorti kkonstatat grad ta' kontributorjetà ta' 20%.

11. GasanMamo Insurance Limited twieġeb li l-argumentazzjoni magħmula mill-atturi fir-rigward tal-kontributorjetà ta' Olivia Frendo hija biss tentattiv fjakk sabiex iċekknu l-portata tal-konklużjonijiet ċari u inekwivoċi adottati speċifikatament għal dan il-każ użat bħala *case study* mill-kirurgu Manche sabiex jeżemplifika u jgħallem dwar l-importanza tal-użu tas-*seat belt.* Targumenta li mhuwiex minnu li xi esperti oħra qalu li l-attriċi kienet issofri l-istess ġrieħi li kieku kienet liebsa *seat belt*, u li l-Ewwel Qorti korrettement ibbażat ruħa fuq numru ta' studji xjentifiċi li juru li l-atturi kkontribwew għad-danni sofferti minnhom minħabba li ma kinux libsin *seat belt.* Isostnu li m'hemm l-ebda raġuni għalfejn il-konklużjonijiet tal-Ewwel Qorti dwar il-grad ta' kontributorjetà tal-atturi għandhom jiġu mibdula.

12. Il-konvenut iwieġeb li l-argument tal-atturi li Olivia Frendo kienet ser issofri l-istess ġrieħi li kieku kienet liebsa *seat belt* huwa kontradett mill-provi, u jgħid li jekk kellu jiġi aċċettat l-argument tal-atturi allura wieħed ikun qed iġib fix-xejn l-użu tas-*seatbelt* bħala l-aqwa salvagwardja tas-saħħa u s-sigurtà waqt is-sewqan. Jargumenta li mhuwiex ġuridikament korrett li wieħed jirrimpjazza l-fatti kif pruvati mal-ipotetiku varjabbli u l-Qorti tkun qed tmur lil hinn mill-provi u tidħol fl-arbitrarju kieku kellha taċċetta l-aggravju tal-appellanti fir-rigward ta' Olivia Frendo. Jagħmel referenza għall-konklużjonijiet tal-espert tat-traffiku maħtur fl-inkesta, Mario Buttigieg, li kien irrapporta li l-atturi setgħu kienu responsabbli ta' negliġenza kontributorja peress li ma kinux libsin *seat belt* u għaldaqstant il-ġrieħi li sofrew setgħu kienu inqas, u wkoll għax-xhieda ta' Mr. Frederick Zammit Maempel li qal li l-probabilità hi li l-ġewnaħ ma kinitx tiksru kieku kienet liebsa *seat belt.* Jgħid li mill-provi jirriżulta li mal-impatt Olivia Frendo instabtet mad-*dashboard* tal-vettura, ħabtet rasha mal-*windscreen* u mbagħad iżerżqet mas-seat għal ġo taħt id-*dashboard,* dinamika li żgur ma kinitx tiġri li kieku kienet liebsa *seat belt.* Dwar ix-xhieda ta' Mr. Alex Manche jargumenta li x-xhieda mogħtija minnu quddiem il-Qorti kienet kontradetta minn artikoli li kiteb huwa stess fuq il-każ u jżid li dan ix-xhud xehed bħala xhud ordinarju u mhux bħala espert ladarba kien espert *ex-parte*. Għalhekk l-Ewwel Qorti kienet korretta meta wriet sensittività għal dan. Fir-rigward ta' Silvio Frendo jgħid li kieku kien

liebes is-*seat belt* ma kienx jaħbat l-irkoppa mal-vettura u lanqas wiċċu mal-*windscreen* b'mod illi kienu jiġu eliminati għal kollox iż-żewġ sorsi ta' diżabilità permanenti. Jgħid li minn studju tal-ġurisprudenza jidher li l-grad ta' kontributorjetà attribwit mill-Ewwel Qorti huwa korrett u m'għandux jiġi mnaqqas.

13. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Il-konvenut jattribwixxi negliġenza kontributorja lill-atturi sa 75%; l-intervenuta fil-kawża 25%; l-attur innifsu jaċċetta 15% għalih innifsu; l-attriċi ma taċċetta l-ebda negliġenza kontributorja għax issostni li d-danni kienu jkunu l-istess kieku kienet liebsa seat-belt.
>
> In-negliġenza tfisser it-traskuraġni fit-twettiq ta' dmir dovut lejn ħaddieħor. B'kuntrast ma' dan, in-negliġenza kontributorja tfisser it-traskuraġni li wieħed jieħu ħsieb tiegħu nnifsu. Huwa ttraskurat min imissu jinduna li, jekk ma jaġixxix bħala persuna raġonevolment prudenti, jista' jweġġa' lilu nnifsu. "*It means the failure by a person to use reasonable care of the safety of either himself or his property, so that he becomes blameworthy in part as an 'author of his own wrong*"'. Il-vittma tista' ma tkunx il-kawża, jew parti mill-kawża, tal-inċident imma tkun il-kawża tad-dannu jew ta' parti mid-dannu.
>
> Il-piż tal-prova tan-negliġenza kontributorja jaqa' fuq il-konvenut: *"In order to establish the defence of contributory negligence, the defendant must prove first, that the plaintiff failed to take 'ordinary care of himself' or, in other words, such care as a reasonable man would take for his own safety, and, secondly, that his failure to take care was a contributory cause of the accident".*
>
> Il-konvenut jallega tliet fatturi ta' negliġenza kontributorja mill-atturi: sewqan taħt l-influwenza tal-alkoħol; sewqan eċċessiv, u nuqqas ta' lbies tas-*seat belts*. Min jallega jrid jipprova.
>
> Ma sarux testijiet tan-nifs fuq l-attur. Mistoqsi mill-pulizija jekk xorobx, għażel li ma jweġibx biex ma jinkriminax ruħu. *In civilibus* dan huwa indizju li fil-fatt l-attur kien taħt l-infuwenza tal-alkoħol. Indizju li huwa msaħħaħ bis-sensiela ta' żjajjar f'diversi postijiet ta' divertiment – in-Niċċu Bard, il-Każin tan-Nazzjonalisti tal-Imġarr u Ġianpula qabel ma marru jixtru l-pastizzi mingħand is-Serkin. L-atturi jammettu li xorbu mhux ħażin. Il-konvenut fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu

jargumenta li x-xorb seta' wassal biex l-attur ma kienx qiegħed jippresta d-debita attenzjoni għal dak li kien qiegħed jiġri fit-triq quddiemu u jista' jkun li wassal sabiex ma ħax azzjoni evażiva fil-pront. B'danakollu, possibilita` mhix prova. Iktar u iktar meta jirriżulta li l-attur ipprova jevita l-inċident billi għafas il-brejkijiet f'ċerta distanza mill-point of impact u li għalhekk tajjeb jew ħażin induna b'dak li kien hemm fit-triq quddiemu.

Kif ġja` ngħad, m'hemmx prova li l-attur kien qiegħed isuq b'mod eċċessiv.

L-ilbies tas-*seat-belt* huwa obbligatorju bil-liġi. Liġi li saret biex tipproteġi lil min ikun involut f'ħabtiet bil-vetturi. In-nuqqas ta' lbies tagħha juri li l-atturi ma kinux prudenti u ma kinux qegħdin jibżgħu għal saħħithom. B'danakollu, il-konvenut għandu bżonn jipprova mhux biss dan il-fatt, imma wkoll in-ness ta' kawżalita` bejn in-nuqqas tal-ilbies tas-seat belt u d-danni mġarrba mill-atturi.

Rigward il-ħsara fl-aorta tal-attriċi, il-kirurgu Alex Manche`, li opera lill-attriċi wara l-ħabta, u prodott bħala espert ex-parte mill-atturi, xehed li n-nuqqas ta' seatbelt ma kienx se jagħmel differenza f'dan il-każ: "*without the seatbelt you are going to hit the dashboard but the deceleration is the same. The airbags might help with the deceleration. The seatbelt I believe not, airbags may have helped because an airbag is an elastic, the seatbelt hold you rigidly.* Din ix-xhieda iżda tikkuntrasta m'artiklu li kiteb żmien qabel xehed dwar l-importanza tas-*safety belt* u tal-airbags. L-artiklu jikkonsisti *f'case report* u diskussjoni tal-clinical features ta' "*emergency surgical repair of an aortic pseudo-ameurysm with an interposition graft. She* (għalkemm ma jsemmix isimha, huwa ovvju li din hija l-attriċi) *made a good post-operative recovery and represents the first such case in Malta*". Jidher li Mr Manche` salva ħajjet l-attriċi billi għamel intervent kirurġiku *ground-breaking* għal Malta u ta' dan ta' min ineħħilu l-kappell. L-artiklu jgħid "*it is important to consider the possibility of aortic rapture in survivors of automobile crashes.* ***This case highlights the importance of a safety belt and airbags***. L-artiklu għalhekk juża' dan l-inċident partikolari biex juri l-importanza tal-ilbies tas-*seat-belts*. Mhux qiegħed jitkellem dwar il-ħtieġa tal-ilbies tas-*seat-belts* b'mod ġenerali jew statistiku. Li kieku f'dan l-inċident, in-nuqqas ta' *seatbelts* ma kienx jagħmel differenza, ma setax fl-istess nifs juri l-ħtieġa tal-ilbies tagħhom. Ix-xhieda ta' Mr Manche`, bir-rispett kollu, hija kontradittorja, forsi wkoll għaliex ix-xhud kellu ripensament dwar l-effetti kontributorji tan-nuqqas ta' lbies tas-seatbelt. F'dan ma hemm xejn ħażin. Ix-xjentisti mhumiex nies dommatiċi u dejjem miftuħin għar-reviżjoni tal-veduti tagħhom. B'danakollu, ix-xhieda ta' dan l-abbli espert żgur ma tippruvax, almenu f'għajnejn il-Qorti, li l-użu tas-*seatbelt* ma kienx jagħmel differenza, kif jallegaw l-atturi.

Mr Frederick Zammit Maempel xehed li bis-*seat belt*, il-probabilita` hi li ma kinitx tkisser il-ġewnaħ ta' spallitha.

Min-naħa l-oħra, Mr Galea Debono wieġeb li ma jistax jgħid *with any degree of certainty* li kieku attriċi libset seat belt, it-trawma kien jiġi evitat. *Unfortunately, people who are wearing a seat-belt still die in severe car accidents.*16 L-espert mediku Alec Sultana Orthopaedic and trauma specialist, b'riferenza għad-danni sofferti minn Silvio Frendo xehed li s-*seat-belt* ma jirrestrinġix is-saqajn. Jgħid li d-dashboard setgħet resqet lura lejn is-sewwieq. Dan iżda ma jirriżultax mir-ritratti tal-inċident, li ma jurux li d-dasbord jew l-i*steering wheel* iċċaqalqu bl-impatt. Min-naħa l-oħra, lanqas ma jfisser li bis-*seat-belt* l-attur ma kienx xorta jaħbat ma' xi parti tal-vettura bl-impatt. Dr Josanne Aquilina xehdet li ma setgħetx tgħid li kieku kienet liebsa *seat-belt* x'*injury* kien ikun hemm.

L-espert tat-traffiku fl-inkjesta maġisterjali rrelata li d-danni setgħu kienu ferm inqas kieku kienu libsin seat belt kif huwa mitlub mil-liġi.20 L-intervenuta fil-kawża esebiet għadd ta' studji xjentifiċi ppubblikati f'ġurnali tal-mediċina li juru li d-deformazzjoni tat-*thorax* isseħħ bi frekwenza **ferm ikbar** meta ma jkunx qiegħed jintlibes seat-belt u hija assoċjata ma' mpatt mal-*isteering wheel* fil-każ tax-xufier u mad-*dashboard* fil-każ tal-passiġġier ta' quddiem. Dawk li jilbsu s-seat-belt kellhom riskju inqas b'mod sinifikanti irrispettivament minn jekk il-vettura kellhiex airbag jew le. Bla dubju dawn l-istudji juru bħala regola ġenerali grad sinifikanti ta' negliġenza kontributorja ta' min jagħżel li ma jilbisx is-*seat belt.*

L-impatt tassew kien wieħed ta' ċerta qawwa, attribwibbli l-iktar għan-nuqqas tal-konvenut li jagħfas il-brejkijiet. Iżda ma kienx tant qawwi li s-*seat-belt* kien ikun għalxejn. Indizju ta' dan huwa l-fatt li l-konvenut, li kien qiegħed isuq vettura eħfef minn dik tal-attur, kiser il-polz t'idu iżda apparti minn hekk ma jidhirx li ġarrab ġrieħi oħra permanenti u wara ftit tal-ġranet jimxi bil-krozzi saħħtu rkuprat sewwa. Dan meta kellu s-*seat-belt* u l-*airbags*. Għalhekk dawn kienu effettivi fl-inċident biex taffew l-*injuries* tal-konvenut. Preżumibilment għalhekk kieku jkunu wkoll effettivi, ftit jew wisq, fil-każ tal-atturi. Il-Qorti tqis li l-parti fejn kien hemm is-sewwieq u l-passiġġier ma ġewx danneġġjati sostanzjalment bl-inċident u lanqas għaffġu lill-passiġġiera.

Meqjusin iċ-ċirkostanzi kollha, l-Qorti ssib negliġenza kontributorja ta' 25% fl-atturi, minħabba n-nuqqas ta' lbies tas-seatbelt."

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

14. Dan l-aggravju jirrigwarda l-konsiderazzjoni tal-Ewwel Qorti li kien hemm responsabbilità kontributorja da parti tal-atturi għad-danni sofferti minnhom u dan peress li rriżulta u mhuwiex kontestat li ma kinux libsin *seat belt* meta seħħ l-inċident.

15. Fir-rigward ta' Olivia Frendo l-atturi jsostnu li ma kellha tinstab l-ebda kontributorjetà peress li, skont huma, mill-provi jirriżulta li hija kienet issofri l-istess ġrieħi anke li kieku kienet liebsa *seat belt.* In kontroeżami l-kirurgu Alexander Manche spjega hekk meta mistoqsi direttament dwar jekk l-ilbies tas-*seat belt* kienx ikollu impatt fuq in-natura jew l-estent tal-ġrieħi sofferti mill-attriċi: "*I believe in this case not, let me try to explain, this is a decelaration injury. Decelaration means that you are travelling in a certain velocity and you suddenly slow down, so this is an injury that people get in aircraft crashes, fall from a height, from a great height, and head on collisions.* […] *if you have a seatbelt the seatbelt still holds the chest in the same place, without the seatbelt you are going to hit the dashboard but the deceleration is the same. The airbags might help with the deceleration. The seatbelt I believe not, airbags may have helped because an airbag is an elastic, the seatbelt holds you rigidly.*"

16. Huwa minnu li fil-*case report* dwar il-każ tal-attriċi l-kirurgu Manche semma l-importanza ta' *seat belt* u *airbags* f'dawn it-tip ta' inċidenti, u huwa minnu li din tagħti l-impressjoni ta' kontradizzjoni netta bejn dak li xehed u dak li kiteb. Però għandu jittieħed in konsiderazzjoni wkoll li l-kirurgu Manche ġie prodott sabiex jixhed proprju dwar din il-kontradizzjoni, u minn qari ta' din l-ispjegazzjoni jirriżulta b'mod ċar li fil-verità m'hemm kontradizzjoni xejn. Il-kirurgu Manche spjega b'mod ċar li ir-raġuni għalfejn l-ilbies ta' *seat belt* huwa importanti f'dawn it-tip ta' inċidenti tat-traffiku, u ċjoè għaliex meta l-passiġġier jew sewwieq ma jkunux libsin *seat belt* jistgħu jaħbtu mal-i*steering wheel* jew *dashboard* rispettivament u din il-*blunt force trauma* tikkawża tiċrita fin-naħa ta' quddiem tal-*aorta* li tkun immedjatament fatali. Min-naħa l-oħra, meta l-individwu jkun liebes *seat belt,* it-tiċrita fl-*aorta* tkun kaġun ta' *deceleration injury* u sseħħ f'parti differenti tal-*aorta* u ċjoè fid-*descending aorta*, u din it-tip ta' tiċrita għalkemm perikoluża ħafna tagħti ċirka erbgħa u għoxrin siegħa ċans biex isir intervent li jista' jsalva l-ħajja tal-persuna. F'dan il-każ partikolari jirriżulta li l-attriċi kienet iffurtunata ferm peress li minkejja li ma kinitx liebsa *seat belt* "*Ms Frendo's injury was in the descending aorta. And that rupture normally happens in people who are wearing a seatbelt.*" (*fol.* 1055). Fi kliem ieħor it-tiċrita li l-attriċi sofriet fl-aorta kienet it-tip ta' tiċrita li kienet issofri proprju kieku kienet liebsa *seat belt.* Minn din ix-xhieda l-Qorti tifhem li allura din mhijiex kwistjoni ta' kontradizzjoni iżda kwistjoni fejn il-każ partikolari tal-attriċi huwa wieħed rari u

inspjegabbli, u għal raġunijiet li ħadd ma jista' jispjegahom l-attriċi evitat li ssofri tiċrita kkawżata minn *blunt force trauma* u minflok sofriet tiċrita ikkawżata minn *decelaration injury,* daqslikieku kienet liebsa *seatbelt.* Għalhekk il-Qorti taqbel mal-appellanti li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta kkonsidrat li kien hemm kontradizzjoni fix-xhieda ta' Manche b'tali mod li din ġiet reża inaffidabbli. Din il-Qorti żżomm quddiem għajnejha li l-kirurgu Manche kien il-kirurgu li salva l-ħajja tal-attriċi billi sewwa t-tiċrita li sofriet fl-*aorta* u għalhekk kien jaf eżattament it-tip u l-estent tal-ġrieħi li sofriet peress li rahom b'għajnejh stess. Għalhekk l-ispjegazzjoni tiegħu dwar id-differenza li seta' jagħmel l-ilbies tas-*seat belt* f'dan il-każ partikolari, li l-Qorti tifhem li huwa rarissimu, għandha valur probatorju ferm akbar minn letteratura ġenerika fuq is-suġġett.

17. Dan ma jfissirx però li ma kien hemm l-ebda negliġenza kontributorja da parti tal-attriċi. It-tiċrita tal-*aorta* u l-konsegwenti problemi newroloġiċi mhumiex l-uniċi ġrieħi li l-attriċi sofriet b'konsegwenza ta' dan l-inċident u li dwarhom hija qiegħda tippretendi kumpens f'din il-kawża. Mr. Frederick Zammit Maempel xehed in kontroeżami illi "il-probabilita hija illi l-iscapula, il-ġewnah ma kinitx tkissru għad-diżabilita…" (*fol.* 768) u kkonferma dan aktar minn darba. Huwa minnu li l-istess xhud qal li li kien hemm riskju li ssofri ġrieħi differenti kieku kienet liebsa *seat belt.* Però din hija biss ipoteżi, tant illi t-tabib stess qal li dan "kollu spekulazzjoni" (*fol.* 773) filwaqt illi b'mod konkret jirriżulta mix-xhieda

tiegħu illi l-probabilità hija li l-attriċi ma kinitx issofri l-ksur li sofriet fi spallejha li kieku kienet liebsa *seatbelt.* Bl-istess mod il-probabilita hija li l-ġrieħi li l-attriċi sofriet f'wiċċha setgħu jiġu evitati jew almenu minimizzati li kieku kienet liebsa *seat belt.*

18. Fid-dawl ta' dan, u kkonsidrat li jidher li l-maġġior parti tad-debilità permanenti sofferta mill-attriċi hija konsegwenza tat-tiċrita li sofriet fl-*aorta*, il-Qorti tqis li l-grad ta' kontributorjetà attribwibbli lill-attriċi għandu jkun ta' 15%.

19. Fir-rigward tal-attur, il-Qorti tosserva li l-unika raġuni li tressqet mill-appellanti sabiex jitnaqqas il-grad ta' kontributorjetà attribwit lilu mill-Ewwel Qorti huwa li hemm każistika li attribwiet grad ta' kontributorjetà inqas. Fil-fehma ta' din il-Qorti din mhijiex raġuni tajba sabiex din il-Qorti tindaħal fl-eżerċizzju diskrezzjonali magħmul mill-Ewwel Qorti. Ladarba l-appellanti stess lanqas biss qed isostnu li din il-konklużjoni tal-Ewwel Qorti kienet żbaljata, illoġika jew arbitrarja, il-Qorti tqis li m'hemm l-ebda raġuni valida biex tinbidel.

20. Għaldaqstant dan l-aggravju qiegħed jiġi parzjalment milqugħ fil-konfront tal-attriċi u se jkun rifless aktar 'il quddiem f'din is-sentenza u fil-parti dispożittiva tagħha.

**It-Tieni Aggravju**

21. Permezz ta' dan l-aggravju l-appellanti jilmentaw dwar il-likwidazzjoni tad-danni li saret mill-Ewwel Qorti, b'mod partikolari (i) d-danni futuri sofferti mill-attriċi, (ii) d-*damnum emergens* subit mill-attur u (iii) l-metodoloġija adoperata mill-Ewwel Qorti biex tiġi komputata r-rata ta' debilità. Dwar il-kwistjoni tad-danni futuri l-appellanti jilmentaw li l-Ewwel Qorti skartat għal kollox il-pretensjoni tagħhom għall-indennizz tad-danni rappreżentanti xiri ta' mediċinali fil-futur abbażi ta' konsiderazzjonijiet li huma fattwalment skorretti. Jagħmlu referenza għax-xhieda ta' Dr. Josanne Aquilina li kkonfermat li hija kienet ippreskriviet lill-attriċi Amytriptiline 25mg, Carbamazepine u Pregabalin li dan ir-reġim mediku l-attriċi kellha tużah skont is-sintomi u mingħajr limitu ta' żmien, u li jista' jkun li jkollha tibqa' tieħu l-mediċina Lyrica għal dejjem peress li s-sintomi huma persistenti. Jgħidu li dan ġie kkonfermat ukoll mill-espert newrologu nominat mill-Qorti Dr. Anthony Galea Debono li xehed li meta hu ra lill-attriċi kienet qed tieħu l-mediċina Lyrica u li kien hemm ċans li kien ser ikollha tkompli tieħu din il-mediċina għal dejjem, u li din il-mediċina kienet qed tiġi użata sabiex tikkontrolla sintomi li għandha l-attriċi li huma simili għal *restless leg syndrome.* Dwar in-Neurorubina Forte u Magbit B6 jagħmlu referenza għax-xhieda ta' Dr. Josanne Aquilina li qalet li dawn il-vitamini jintużaw bl-isperanza li jgħinu l-funzjoni tan-nervituri, ħaġa li ġiet ikkonfermata wkoll mit-tabiba tal-

familja Dr. Charmaine Donath u minn Mr. Alexander Manche. Dwar il-mediċina S Oropran tagħmel referenza għax-xhieda tat-tabiba Dr. Charmaine Donath li qalet li hemm ċans li l-attriċi jkollha tkompli tieħu din il-mediċina. L-atturi jilmentaw ukoll dwar il-konklużjoni tal-Ewwel Qorti li l-mediċina kollha li tieħu l-attriċi ħlief S Oropan tingħata b'xejn u li kienet l-attriċi li m'applikatx għaliha. F'dan ir-rigward jargumentaw li mid-dokumenti esebiti mix-xhud Antonia *sive* Tania Formosa jirriżulta li l-attriċi mhijiex eliġibbli biex tieħu dawn il-mediċinali mingħajr ħlas għaliex jingħataw bla ħlas biss fir-rigward ta' kondizzjonijiet partikolari li ma japplikawx għall-attriċi. Jilmentaw ukoll dwar il-konklużjoni tal-Ewwel Qorti li ma tirriżultax ħtieġa li l-attriċi tingħata indennizz minħabba li għandha bżonn għajnuna biex tagħmel ix-xogħol tad-dar. Jgħidu li l-esperti mediċi Mr. Raymond Debono, Mr. Frederick Zammit Maempel u Mr. Alex Sultana kollha kkonfermaw li l-attriċi tiddependi fuq għajnuna biex tagħmel xogħol tad-dar u tieħu ħsieb lil ulied il-partijiet, u li l-attriċi stess xehdet li hija ssibha diffiċli biex taħsel l-art, it-turġien u l-ħġieġ u titla' s-slielem. Jgħidu wkoll li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta kkonsidrat li l-attriċi qed tagħmel xogħol ta' aktar strapazz ma' żewġha peress li mix-xhieda tagħha jirriżulta li hi tagħmel xogħol klerikali u ta' xufier.

22. Fir-rigward tad-*damnum emergens* subit mill-attur jilmentaw li mhuwiex ċar għalfejn l-Ewwel Qorti kkonkludiet li m'hemmx prova dwar telf ta' mpjieg peress illi l-konsulent Massimo Abela kkonferma li l-attur

kien irnexxilu jerġa' jmur lura għax-xogħol fl-20 ta' Ġunju 2011 u t-telf ta' xogħol huwa rifless fir-rendikont għas-sena 2011 fejn hemm riduzzjoni fid-dħul tiegħu paragunat mas-snin preċedenti u dawk li jsegwu, u dan oltre li jirriżulta li fil-perjodu indikat l-attur kien irċieva l-benefiċċju tal-mard.

23. Dwar il-metodoloġija wżata mill-Ewwel Qorti l-appellanti jargumentaw li l-Ewwel Qorti ma kellhiex issegwi l-metodoloġija ta' komputazzjoni wżata minn din il-Qorti fis-sentenza Rhys Ellul Sullivan v. Zachary Vella għaliex f'dik il-kawża l-Qorti kienet qed titratta żewġ kondizzjonijiet fl-istess branka ta' mediċina fejn allura ser ikun hemm *overlapping* bejn il-kondizzjonijiet. Jgħidu li f'din il-kawża l-fattispeċi huma kompletament differenti peress li l-menomazzjonijiet sofferti minnhom huma f'oqsma differenti tal-mediċina u jaffetwaw diversi partijiet tal-ġisem u għalhekk l-element ta' *overlapping* huwa ferm aktar ridott jekk mhux negliġibbli u għaldaqstant wieħed ma jistax jieħu medja tad-diversi rati għaliex ir-riżultat mhux ser jirrifletti r-realtà tal-entità tal-ġrieħi mġarrba. Isostnu li dan huwa evidenti mill-fatt li b'kalkolu sempliċi ta' medja r-riżultat huwa anqas minn wieħed mill-menomazzjonijiet individwali. Jargumentaw li hemm diversi sentenzi riċenti li applikaw ir-rata ta' komputazzjoni li kemm huma u kemm is-soċjetà intervenuta qablu li kellha tiġi wżata u ċjoè ((100 – M) x m) + M)/100 fejn "M" tirrapreżenta l-ogħla rata ta' diżabilità filwaqt li "m" tirrapreżenta l-aktar rata baxxa ta' diżabilità, filwaqt li meta jkun hemm iktar minn debilità waħda l-formola

tibqa' tiġi applikata bil-valur "M" jirrapreżenta r-riżultat tal-ewwel somma li tkun inħadmet. Isostnu li din il-formola ttieħdet mil-liġi Spanjola u kienet ġiet proposta emenda biex issir parti mil-liġi Maltija, u l-fatt li din l-emenda qatt ma ġiet promulgata ma jwaqqafx lill-Qorti milli taċċettaha sabiex toħloq bilanċ aritmetiku u aktar ġust f'dawn iċ-ċirkostanzi. Jargumentaw ukoll li l-Ewwel Qorti ma kinitx korretta meta ħadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-attriċi bdiet taħdem mal-attur fl-*ironmongery* tiegħu għaliex apparti li mhux minnu li dan ix-xogħol huwa ta' iktar strapazz, skont il-ġurisprudenza t-tħabrik tal-vittma biex jaqla' l-għejxien tiegħu m'għandux ikun raġuni biex l-imħarrek jibbenefika minn tnaqqis ta' kumpens.

24. GasanMamo Insurance Limited twieġeb li fir-rigward tal-mediċinali għalkemm l-appellanti jagħmlu referenza għax-xhieda ta' tobba *ex parte* ħadd minn dawn ix-xhieda ma kkonferma li kienu huma li kitbu r-riċetti varji u wisq anqas ma sostnew li l-attriċi għandha bżonn tibqa' toħodhom tul ħajjitha. Targumenta li l-attriċi naqset milli tressaq provi li hija ħadet dawn il-mediċini wara s-sena 2013 u dan minkejja li l-provi attriċi ngħalqu fi Frar tas-sena 2019. Iżidu li l-attriċi wkoll ma ġabitx prova li hija ppruvat tnaqqas id-danni subiti minnha billi ppruvat tkellem lit-tabib tagħha biex takkwista dawn il-mediċini jew parti minnhom bl-iskema tal-POYC. Dwar l-argument li l-attriċi għandha bżonn għajnuna fil-faċendi tad-dar twieġeb li tlett snin wara l-inċident l-attriċi impjegat ruħha *fulltime* mar-raġel tagħha fil-ħanut li jiġġestixxi u hija stess xehdet li tagħmel mhux biss xogħol

klerikali iżda anke *deliveries* u għalhekk l-Ewwel Qorti kienet korretta meta kkonsidrat li dan ix-xogħol huwa ta' aktar strapazz mill-faċendi tad-dar. Iżżid li l-ebda espert li xehed f'dawn il-proċeduri ma kkonferma li l-attriċi għandha bżonn għajnuna fil-faċendi tad-dar tul ħajjitha kollha u anzi l-espert ortopediku Mr. Frederick Zammit Maempel xehed li l-attriċi timxi b'mod normali, u li eżami newroloġiku ta' riġlejha juri riflessi simetriċi u sensazzjoni normali.

25. Dwar id-*damnum emergens* tal-attur twieġeb li t-tnaqqis fil-qliegħ tal-attur għas-sena 2011 ma jista' jiġi bl-ebda mod attribwit għall-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri għaliex dan seta' ġara minħabba diversi ċirkostanzi, u fil-fatt l-attur lanqas biss xehed dwar jekk il-ħanut kien qiegħed jiġi ġestit minn ħaddieħor sakemm kien konvalexxenti.

26. Dwar il-metodoloġija adoperata mill-Ewwel Qorti biex tiġi kkomputata r-rata ta' diżabilità twieġeb li r-rata ta' 19% adottata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tal-attriċi hija ġusta kkonsidrat li l-Ewwel Qorti kellha ċans anke tara lill-attriċi fiżikament biex tara li l-effetti tal-inkapaċità subita minnha ma ħallewx impatt serju fuq il-qligħ jew ħidma tagħha, tant li l-attriċi rnexxilha tidħol fid-dinja tax-xogħol wara l-inċident *de quo*.

27. Il-konvenut Gatt iwieġeb li mhuwiex minnu li l-Ewwel Qorti skartat għal kollox il-provi dwar il-mediċini li l-attriċi tallega li ser ikollha tieħu għal

ħajjitha kollha. Isostni li Dr Josanne Aquilina stess xehdet li l-mediċina Lyrica tittieħed skont is-sintomi u ma tat l-ebda ċertezza li dawn jistgħu jkunu kroniċi, filwaqt li Dr. Charmaine Donath tgħid li hija ma tat l-ebda ordni tassattiv li l-*food supplements* imsemmija mill-attriċi għandhom jittieħdu minnha u wisq anqas ma qalet li dawn għandhom jittieħdu għal ħajja kollha tal-attriċi. Iżid li barra minn hekk l-atturi lanqas biss ġabu prova li l-attriċi baqgħet tieħu dawn il-mediċini, u dan apparti li hemm provi li juru li l-attriċi m'għadx għandha sensazzjoni ta' ħruq jew uġigħ u għalhekk m'hemmx bżonn li tieħu mediċina Lyrica/Pregabalin, u li mix-xhieda ta' Dr. Josanne Aquilina jirriżulta saħansitra li dawn il-mediċini għandhom "*limited therapeutic benefit.*" Jgħid li l-atturi naqsu milli jippreżentaw riċevuti għax-xiri ta' dawn il-mediċini għas-snin bejn l-2014 u l-2019 u dan meta saħansitra ppreżentaw irċevuti tal-parkeġġ li kienu jħallsu meta jmorru għall-viżti l-isptar. Dwar il-mediċina S Oroprom jargumenta li din il-mediċina m'għandha l-ebda konnessjoni ma' xi waħda mill-ġrieħi li sofriet b'riżultat tal-inċident u ġew preskritti mit-tabib tal-familja Dr. Charmaine Donath u fi kwalunkwè każ *anti-depressants* m'għandhomx jibqgħu jittieħdu fit-tul iżda huma kura li tingħata temporanjament jew skont il-ħtieġa, u dan kif ġie kkonfermat minn Dr. Donath stess. Iżid li inoltre l-attriċi naqset milli tapplika sabiex tkun tista' tieħu dawn il-mediċini bla ħlas u ta' dan allura m'għandux iħallas hu. Fir-rigward tal-ispejjeż għall-għajnuna għal faċendi tad-dar jargumenta li din il-parti tal-aggravju hija frivola u vessatorja għaliex l-atturi ma ġabu l-ebda

prova li huma qed iħallsu lil terzi biex jgħinuhom fil-faċendi u wisq anqas li għandhom ħtieġa impellenti ta' tali għajnuna. Jgħid li l-espert *ex parte* Mr Frederick Zammit Maempel iddeskriva l-effett tad-debilità fuq l-attriċi bħala biss inkonvenjent minimu u għalhekk qajla wieħed jifhem kif l-attriċi tippretendi li tingaġġa persuna tul ħajjitha kollha, terminu arbitrarjament prefiss mill-atturi li huwa ta' 82 sena, biex tagħmel it-tindif tad-dar b'nefqa totali ta' €56,160. Iżid illi li kieku kien minnu li d-debilità sofferta mill-attriċi hija tali li ma tistax tagħmel xogħol tad-dar ma jagħmilx sens li allura tista' tagħmel *deliveries* ta' materjal u għodod u affarijiet oħra relatati ma' negozju ta' *ironmongery.*

28. Dwar l-argument relatat mad-*damnum emergens* soffert mill-attur iwieġeb li l-fatt li l-attur għamel xi żmien bil-krozzi, li kien hemm nuqqas fid-dħul tiegħu għas-sena 2011 u li bbenefika mill-benefiċċju tal-mard ma jfissrux neċessarjament li għamel xi żmien ma jaħdimx.

29. Dwar il-kalkolu tar-rata ta' diżabilità jwieġeb li l-formola li adottat l-Ewwel Qorti kienet l-istess waħda li ġiet adottata fis-sentenza reċenti ta' din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet Rhys Ellul Sullivan v. Zachary Vella fejn il-Qorti stabbiliet metodoloġija differenti minn dik li kienet tiġi wżata anterjorment sabiex jinħadem il-*weighted average*. Jgħid li d-distinzjoni li pruvaw joħolqu l-appellanti ma ssibx komfort fil-ġurisprudenza, insenjament jew liġi, u saħansitra lanqas fis-sentenza Ellul Sullivan v.

Vella stess. Isostni li m'hemm l-ebda differenza bejn il-fatt li d-debilità tkun fl-istess parti tal-ġisem jew f'diversi partijiet għaliex il-persuna xorta tiġi milquta mill-istess debilitajiet irrispettivament jekk jinkorrux fuq l-istess organi jew f'organi differenti, u li dan l-argument ifisser li persuna tiġi preġudikata għaliex tkun intlaqtet b'debilitàjiet multipliċi fl-istess parti tal-ġisem.

30. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "***L-attriċi - damnum emergens.***
>
> L-attriċi tallega li ħallset għax-xiri ta' erba' tipi ta' medicini u li dawn sejra tkompli tixtihom tul ħajjitha kollha. Imma ma ppruvatx li ngħatat ordni f'dan is-sens.
>
> Il-mediċina Lyrica (jew Pregabalin) intiża biex tagħmel tajjeb għall-ħruq, ma ġietx ikkonfermata mill-esperti mediċi. Saħansitra espert imqabbad mill-attriċi nnifisha *ex parte* irrelata li *"Neurological examination of the lower limbs revealed symmetrical reflexes, and normal sensation down either limb. Motor power was normal in all muscle groups. Ms Frendo walked without a limp. She was able to walk on tiptoes and on her heels*.[1] L-espert mediku Mr Alec Sultana xehed li "*A MRI of the brain on the 5th February 2013, did not reveal any brain injuries which would explain the persistent neuropathic burning in her lower limbs… neurological examination of the upper and lower limbs was completely normal"… Repeated scans of her spine have excluded the presence of a spinal fracture or significant disc to explain lower limb neurological problems*.[2] Dr Josanne Aquilina, espert imqabbda ex parte mill-attriċi, xehdet li l-Lyrica ma tittiħidx bilfors għal għomor il-pazjent imma tintuża' skont is-sintomi u għal tul ta' żmien kemm ikun hemm bżonn.[3]
>
> L-attriċi ġabet prova li ħadet din il-mediċina mid-data tal-inċident sas-sena 2013 u mhux ukoll wara.[4] Lanqas ipproduċiet riċetti tat-tobba fir-rigward. L-attriċi tilfet kull kuntatt ma' Dr Josanne Aquilina.[5]

[1] Mr. Frederick Zammit Maempel fol 17.
[2] Fol 587.
[3] Fol 231.
[4] Prospett ta' danni fol 366.
[5] Kontro-eżami ta' Dr Aquilina fit-12 ta' Novembru 2020.

In-Neurorubina Forte u Magvit B6 m'humiex mediċinali imma food suppliments li jista' jixtrihom kulħadd anke biex jissupplimenta d-dieta regolari. Ebda ordni medika ma ġiet prodotta li tobbliga lill-attriċi teħodhom.
S Oropran hi antidepressant, preskritta mit-tabiba tal-familja Dr Charmaine Donath, li xehdet li dawn jittieħdu għal xi xahrejn jew tlieta u mhux għal dejjem. Qatt ma tingħata open prescription. L-attriċi ilha s-snin ma tara lil din it-tabiba.

Ħafna riċevuti mill-ispiżerija ma jurux x'inxtara;[6] oħrajn ma kellhom x'jaqsmu xejn mal-inċident; l-anqas l-attriċi nnifisha ma kienet taf għal xiex jirreferu.[7]

Kif sewwa rrileva l-konvenut, hemm ċerti dubji dwar kemm ċerti riċevuti kellhom x'jaqsmu mal-inċident – bħal *parking area* u xiri ta' servizz tat-*television.*

Il-konvenut jikkontesta, għal dawn ir-raġunijiet, riċevuti minn fol 366 u wara li jammontaw għal €2,026.78.[8]

Il-maġġor parti tal-mediċina msemmija mill-attriċi tingħata b'xejn, ħlief għal S Oropram li jingħata sostitut tagħha. L-attriċi iżda qatt m'applikat għal dawn il-mediċini b'xejn.[9]

L-attriċi qiegħdha titlob kumpens permanenti għal għajnuna fil-faċendi tad-dar. B'danakollu, fi kliem wieħed mill-konsulenti ex-parte tal-attriċi stess, l-attriċi kien sejjer ikollha "kemm kemm inkonvenjent" biex tkompli b'dan it-tip ta' xogħol.[10] Ebda prova ma ġiebet dwar il-persuna jew persuni li qabbdet f'dan ir-rigward.

Kif diġa` ġie aċċennat, wara l-inċident l-attriċi ħarġet taħdem ma' żewġha fl-ironmongery – xogħol ta' strapazz iktar mix-xogħol tal-faċendi fid-dar.

It-total tal-ispejjeż attwali sborżati huma, skont l-attriċi €4,370.13. In vista li ċerti partiti mhumiex ippruvati li huma tabilħaqq medicini, il-Qorti sejra takkorda danni ta' €4,000 biex ma toqgħodx tidħol f'ħafna dettalji żejda. Lanqas sejra tieħu kont li dawn il-mediċini, jew il-parti l-kbira tagħhom, setgħu jiġu miksubin b'xejn; anke għaliex forsi fl-inkwiet ta' wara l-inċident wieħed jifhem li ma jkunx f'sikktu biżżejjed biex joqgħod japplika għall-mediċini. Tenut kont tal-25% responsabilita` kontributorja, l-attriċi għandha tieħu €3,000.

***L-attriċi – multiplier.***

[6] Fol 430D, Fol 430E.
[7] Kontro-eżami tal-attriċi tas-16 t'April 2019.
[8] Fol 1147, para 97 tan-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut.
[9] Kontro-eżami tal-attriċi 16 t'April 2019.
[10] Mr Frederick Zammit Maempel fol 225.

L-attriċi tgħid li, tenut kont li kellha 29 sena meta seħħ l-inċident, għandu jiġi applikat multiplier ta' 36 sena – jiġifieri sal-eta` tal-irtirar ta' 65 sena. Il-konvenut jgħid li l-multiplier għandu jkun ta' 23. L-intervenuta fil-kawża tgħid li l-*multiplier* għandu jkun ta' 30 sena. Il-Qorti taqbel mal-kriterju addottat mill-intervenuta, billi dan jieħu in kunsiderazzjoni ċ-*chances* u ċ-*changes of life* skont tnaqqis konformi ma' tabella addottata minn *Azzopardi v. Awtorita`*[11] anke jekk minn dakinhar 'l hawn l-eta` tal-irtirar ogħliet b'xi sentejn jew tlieta.

***L-attriċi – dħul medju fis-sena.***

Hemm qbil li għandha tittieħed bħala punt tat-tluq il-paga minima dakinhar tal-inċident, li kienet €7,979.40, u li din tiżdied b'20% biex tieħu qies tal-inflazzjoni tul il-perjodu lavorattiv tal-attriċi. L-intervenuta fil-kawża taqbel ma' dan il-kriterju. Il-konvenut ma jaqbilx u jsostni li trid tittieħed l-inflazzjoni fuq 5 snin. Dan iżda ma joffrix ir-restitutio in integrum għall-ħajja li preżunta tibqa' togħla tul madwar 20 sena. Għalhekk il-medja tal-introjtu għandu jkun ta' €9,575.28.

***L-attriċi – tnaqqis ta' lump sum.***

F'dan il-każ għaddew 11-il sena mill-inċident u għalhekk m'hemmx lok għal tnaqqis tal-lump sum.

***Komputazzjoni tal-lucrum cessans tal-attriċi.***

€9,575.28 annwali x 30 sena x 19% (diżabilita`) = €54,579.096.
€54,579.096 x 75% = €40,934.32.

***L-attur – multiplier.***

Meta seħħ l-inċident, l-attur kellu 30 sena. Bl-istess kriterji li użat mal-attriċi, l-Qorti sejra tagħti multiplier ta' 29 sena.

Skont l-attur, il-multiplier hu ta' €41,000. Fuq din il-figura taqbel l-intervenuta in kawża.[12]

***L-attur - rata ta' diżabilita`.***

3% mil-lat ortopediku (Mr Alec Sultana)

5% mil-lat ta' ċikatriċi (Mr Duncan Aquilina)

Skont l-attur, u l-intervenuta fil-kawża, allura d-disabilita` totali hija ta' 8%; skont il-konvenut 4%[13] skont il-formola ta' Rhys Ellul Sullivan v Zachary Vella suċċitata.

---

[11] Tabella li tinstab in re: Anthony Azzopardi v Awtorita` dwar it-Trasport f'Malta, 8 ta' Marzu 2012, (il-mibki Onor. Imħ. Lino Farrugia Sacco).
[12] Fol 1179.
[13] Ara fol 1160 para 150 tan-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut.

***L-attur - damnum emergens.***

L-attur qiegħed jitlob somma totali ta' €2,735.45 li minnhom €1,994.75 jirrappreżentaw telf ta' mpjieg. Ebda prova ma ġab dwar din l-aħħar ħaġa. Jifdal €790.70 li huma ppruvati. Bit-tnaqqis tal-ħtija kontributorja, l-ammont dovut taħt dan ir-ras huwa ta' €593.03.

***L-attur - lucrum cessans.***

€41,000 annwali x 29 sena x 4% = €47,560.

€47,560 x 75% = €35,670."

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

31. L-appellanti jsostnu li l-Ewwel Qorti kellha takkorda danni li jkopru n-nefqa ta' mediċinali li jgħidu li l-attriċi ser ikollha tkompli tieħu għall-bqija ta' ħajjitha, u jilmentaw dwar il-fatt li l-Ewwel Qorti kkonkludiet li ma tressqux biżżejjed provi li juru li fil-fatt hija ser ikollha tkompli tieħu din il-mediċina u li fi kwalunkwè każ huwa nuqqas tagħha li mhux qed toħodha b'xejn mis-servizzi Statali għaliex ma ssottomettiex applikazzjoni għal dan. Dawn il-mediċini huma erbgħa u ċjoè (i) Lyrica/Pregabalin, (ii) Neurorubina Forte, (iii) Magvit B6 u (iv) S-Oropran. Fir-rigward tal-mediċina S-Oropram, din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti li m'hemmx biżżejjed provi li jindikaw li l-attriċi għadha tieħu din il-mediċina u li ser ikollha tibqa' toħodha tul ħajjitha.

32. Din il-mediċina hija *anti-depressant*, u għalkemm jirriżulta li kienet ġiet preskritta mit-tabiba tal-familja Dr. Charmaine Donath fiż-żmien meta

seħħ l-inċident minħabba t-trawma li sofriet l-attriċi, ma jirriżultax li l-attriċi għad għandha preskrizzjoni għal din il-mediċina. F'dan ir-rigward huwa relevanti li mill-atti ma jirriżultax li l-attriċi ġiet dijanjostikata b'debilità permanenti relatata ma' depressjoni jew kondizzjoni oħra ta' saħħa mentali kkawżata mill-inċident in kwistjoni, u għalhekk aktar u aktar m'hemmx prova li l-attriċi ser ikollha tieħu din il-mediċina għal għomorha b'konsegwenza ta' dan l-inċident. Dwar iż-żewġ mediċini l-oħra u ċjoè Neurorubina Forte u Magvit B6, jirriżulta li dawn m'hemm bżonn l-ebda preskrizzjoni ta' tabib biex jittieħdu għaliex huma effettivament *food supplements* li jista' jieħu kull min irid, u li kien ġie suġġerit lill-attriċi li toħodhom bl-isperanza li jgħinu fil-fejqan tal-problemi newroloġiċi li sofriet. Il-Qorti tosserva li mill-atti ma jirriżultax li dawn il-mediċini ossia *supplements* huma mediċini li l-attriċi trid tieħu tabilfors u fil-fatt jidher li lanqas hemm ċertezza li dawn huma ta' għajnuna għall-kondizzjonijiet li sofriet minnhom l-attriċi. Għalhekk din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti li m'għandu jkun hemm l-ebda danni akkordati fir-rigward tal-mediċini S-Oropram, Neurorubina Forte u Magvit B6.

33. Fir-rigward tal-mediċina Lyrica/Pregabalin din il-Qorti però ma taqbilx mal-Ewwel Qorti li din ma ġietx ikkonfermata mill-esperti mediċi. L-Ewwel Qorti għamlet referenza għar-relazzjonijiet tal-esperti minn fejn jirriżulta li eżami newroloġiku ta' idejn u riġlejn l-attriċi kien normali u li MRI tal-moħħ ma wera l-ebda ġrieħi fil-moħħ li jistgħu jispjegaw il-ħruq li

l-attriċi tħoss f'riġlejha. Din il-Qorti tosserva però li l-espert maħtur mill-Qorti Dr. Anthony Galea Debono illi mill-eżami li għamel hu f'Ottubru 2018 irriżultalu li l-attriċi "*had hypersensitivity to light touch and pin prick from Thoracic level 10, down to her toes*" (*fol.* 598) u li "*Mrs Frendo has neuropathic pain as well as moderate problems with her gait and balance, caused by damage to her spinal cord." (fol*. 599) Fir-rigward tal-fatt li l-MRI tal-moħħ ma wera l-ebda ġrieħi li jispjegaw dawn il-problemi li qed issofri l-attriċi huwa relevanti dak relatat minn Dr. Anthony Galea Debono li spjega li "*Unfortunately, a very common outcome of this type of surgery* [b'referenza għall-operazzjoni biex tissewwa t-tiċrita li l-attriċi sofriet fl-aorta] *is damage to the arteries which eventually supply the anterior spinal artery. The posterior intercostal arteries have their origin from the postero-laterla aspect of the aorta, from which a branch in turn gives rise to the anterior spinal artery.* […] *It is the damage to these arteries that is the cause of her neurological symptoms.*" (*fol.* 599).

34. Minn din ir-relazzjoni tal-espert maħtur mill-Qorti jirriżulta wkoll li sa Ottubru 2018 l-attriċi kienet għadha qed tieħu l-mediċina Lyrica/Pregabalin u dan kif jidher mis-segwenti bran: "*Since the accident, Mrs Frendo stated that she developed a constant burning sensation from her waist down both lower limbs (front and back) and down to her toes. These symptoms are also present at night, and she needs to wear leggings to prevent the bed sheets from touching her skin. She also as*

*symptoms not dissimilar to "Restless Legs Syndrome". This latter symptom is being controlled by the drug Pregabalin. The dose of Pregabalin, that she is on, is 150mg in the morning and 75mg at night."* (*fol.* 597). L-istess espert maħtur mill-Qorti konstata li "*Her symptoms are therefore expected to be of a permanent nature*" (*fol.* 499) u li "*Mrs Frendo has a mild to moderate paraparesis"* (*fol.* 500) u għalhekk ikkonkluda li sofriet debilità newroloġika permanenti ta' 25% (*fol.* 500). Għalhekk din il-Qorti tqis li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta kkonkludiet li mill-atti ma jirriżultax li l-attriċi għad għandha sintomi li jeħtieġu l-użu tal-mediċina Lyrica/Pregabalin, ladarba dan ġie kkonfermat mill-espert mediku maħtur mill-Ewwel Qorti stess. Dr. Josanne Aquilina spjegat quddiem l-Ewwel Qorti li l-użu tal-mediċina Lyrica/Pregabalin kien għal żmien indefinit, għalkemm din il-mediċina kellha tittieħed biss meta l-attriċi tkun qed tħoss is-sintomi li għaliha ġiet preskritta. Għalhekk il-Qorti tqis li fuq bilanċ ta' probabilitajiet jirriżulta li l-attriċi baqgħet u ser tibqa' tieħu din il-mediċina.

35. Fir-rigward tal-konsiderazzjoni tal-Ewwel Qorti li l-attriċi naqset milli tapplika sabiex tieħu din il-mediċina b'xejn mill-formularju tal-Gvern il-Qorti tosserva li mix-xhieda ta' Antonia *sive* Tania Formosa, rappreżentanta tad-Direttur tad-Direttorat għal *Pharmaceutical Affairs* spjegat li meta persuna ma tkunx rikoverata l-isptar ma tkunx awtomatikament intitolata għal kull mediċina li hemm fil-formularju, iżda tkun intitolata li tieħu dik il-mediċina biss fir-rigward ta' kondizzjonijiet

speċifiċi (*fol.* 869). Din ix-xhud ikkonfermat espressament li jista' jkollok kondizzjoni medika fejn ikollok bżonn tieħu mediċina partikolari iżda xorta ma tkunx intitolat li toħodha b'xejn (*fol.* 871) u li għalkemm il-Lyrica tinsab fil-formularju "Pero mhix qegħda hemmhekk għal kundizzjonijiet kollha li hija liċenzjata fuq il-liċenzja tal-marketing authorisation. Qegħda waħda minn dawk id-drugs […] li qegħda bħal issa limitata għal dawk il-kundizzjonijiet li qegħdin fuq il-protocol li għadni kif tajt." (*fol.* 872). Mid-dokument esebit mill-istess xhud li jinsab a *fol. 876* jirriżulta li l-mediċina Lyrica/Pregabalin tingħata b'xejn lil "*adult patients with partial seizures with or without secondary generalization", "cancer patients with neuropathic pain and in palliative care"* u "*adult patients with neuropathic pain due to trigeminal neuralgia."* Għalhekk jirriżulta li effetivament l-attriċi mhijiex intitolata li tirċievi b'xejn il-mediċina Lyrica/Pregabalin mill-formularju tal-Gvern għaliex ir-raġuni għalfejn ġiet preskritta lilha ma taqax taħt waħda mit-tliet kondizzjonijiet li għalihom il-Gvern jagħti b'xejn din il-mediċina. Għalhekk l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta kkonsidrat li l-attriċi naqset milli tapplika sabiex tieħu din il-mediċina b'xejn u li għalhekk naqset milli tnaqqas id-dannu soffert minnha.

36. Mill-atti jirriżulta li l-prezz ta' kaxxa Lyrica b'dosa ta' 150mg huwa ta' €96.42 kull kaxxa u l-prezz ta' Lyrica 75mg huwa ta' €85.96 kull kaxxa. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha l-attriċi stmat li kull sena jkollha bżonn tieħu 6.5 kaxxa ta' kull waħda minn dawn id-dożi, b'total

komplessiv ta' €1,185.47 fis-sena. Użat il-moltiplikand ta' 30 sena applikat mill-Ewwel Qorti dan iwassal għal spiża ta' €35,564.10. Il-Qorti però trid tieħu in konsiderazzjoni li m'hemmx ċertezza li din l-ispiża sħiħa ser tkun meħtieġa li ssir mill-attriċi, u dan ikkonsidrat diversi konsiderazzjonijiet fosthom (i) il-fatt li din il-mediċina għandha tittieħed meta l-attriċi tkun qed tesperjenza sintomi u mhux neċessarjament kuljum, (ii) il-possibilità li l-kondizzjoni tal-attriċi tiżdied ma' dawk il-kondizzjonijiet li jagħmlu persuna eliġibbli sabiex tirċievi din il-mediċina b'xejn minn fuq il-formularju tal-Gvern, (iii) possibbli tnaqqis fil-prezz ta' din il-mediċina u (iv) ċ-ċirkostanzi żvajati tal-ħajja li jistgħu jkollhom impatt fuq it-teħid ta' din il-mediċina mill-attriċi. Għaldaqstant il-Qorti tqis li n-nefqa li għandha tittieħed in konsiderazzjoni għall-finijiet tal-likwidazzjoni tad-danni għandha tkun ta' €25,000. Minn dan l-ammont imbagħad irid jitnaqqas 15% sabiex jirrifletti n-negliġenza kontributorja tal-attriċi. Għaldaqstant l-ammont dovut lill-attriċi f'dan ir-rigward huwa fl-ammont ta' €21,250.

37. Fir-rigward tal-ilment tal-appellanti dwar l-ispiża relatata mal-għajnuna għal faċendi tad-dar, il-Qorti tosserva li minkejja li l-attriċi xehdet li hija ġġib lil xi ħadd biex jgħin bil-faċendi tad-dar, din il-persuna ma ġietx prodotta bħala xhud biex tikkonferma dan u tixhed dwar kemm titħallas. Fil-fatt, għalkemm fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom l-atturi kienu taw stima ta' kemm jaħsbu li tiġi l-ispiża totali għal dan is-servizz,

ma ressqu l-ebda provi konkreti dwar l-istess. Għalhekk il-Qorti tqis li l-Ewwel Qorti kienet korretta meta sabet li d-danni reklamati mill-atturi taħt din il-kappa mhumiex suffiċjentement pruvati.

38. Fir-rigward tad-danni reklamati mill-attur rappreżentati telf ta' qliegħ matul iż-żmien meta jgħid li ma kienx qed jaħdem waqt li kien qiegħed jirkupra wara l-inċident, il-Qorti tosserva li mir-rendikont għas-sena 2011 esebit a *fol.* 356 jirriżulta li l-attur għamel profitt taxxabbli ta' ftit aktar minn €35,000. Fis-sena 2008 l-attur irraporta profitt taxxabbli ta' €34,371 filwaqt li fis-sena 2009 kellu profitt taxxabbli ta' €32,776 u fis-sena 2010 kellu profitt taxxabbli ta' €33,980. Għalhekk ma jirriżultax li l-attur sofra xi telf fid-dħul tiegħu fis-sena tal-inċident minħabba ż-żmien li għamel jirkupra mill-inċident in kwistjoni kif jallegaw l-appellanti. Għaldaqstant dan l-ilment huwa manifestament infondat u qed jiġi miċħud.

39. Dwar il-kwistjoni dwar il-mod kif l-Ewwel Qorti ħadmet il-perċentwali ta' diżabbilita li sofrew l-atturi b'konsegwenza tal-inċident in kwistjoni. L-atturi jilmentaw li l-Ewwel Qorti ma kellhiex tuża l-komputazzjoni tal-*weighted average* użata fis-sentenza Ellul Sullivan v. Vella għaliex f'dak il-każ il-Qorti kellha quddiemha żewġ debilitàjiet psikoloġiċi u allura kien hemm ammont ta' *overlap* fis-sintomi filwaqt li f'dan il-kawża huma sofrew debilitàjiet differenti u f'partijiet differenti tal-ġisem. Il-Qorti tosserva li l-mod kif ġie komputat il-*weighted average* fis-

sentenza Ellul Sullivan v. Vella mhuwiex ristrett għal sitwazzjoni fejn id-debilitàjiet sofferti jkunu fl-istess parti tal-ġisem jew tal-istess natura medika, u dan kif jidher mis-sentenza fl-ismijiet **Lawrence Camilleri et v. Construct Furniture Company Limited** (Appell, 26/10/2022) fejn din il-Qorti diversament komposta wżat l-istess metodu ta' komputazzjoni dwar vittma ta' inċident li sofra debilità fiżika f'idejh u debilità psikoloġika.

40. Meta tiġi biex tistabilixxi l-grad ta' debilità permanenti sofferta mill-vittma il-Qorti għandha tuża d-diskrezzjoni tagħha sabiex tara li l-grad stabbilit ikun jirrifletti l-impatt li din id-debilità għandha fuq il-kapaċita lavorativa tiegħu. Dan peress illi fil-liġi Maltija l-*lucrum cessans* huwa intiż biss sabiex jagħmel tajjeb għat-telf ta' qliegħ futur li tkun sofriet il-vittma, u mhux biex jagħmel tajjeb għall-impatt sħiħ li l-event dannuż kellu fl-ambitu bijoloġiku sħiħ tal-persuna. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Silvan Farrugia v. Carmelo Gatt et** (Appell, 06/10/2020) fejn fuq din il-kwistjoni intqal hekk:

> "Illi l-artikolu 1045 tal-Kodici jaghmilha cara illi l-komputazzjoni tad-danni issir a bazi tad-danni patrimonjali soffert minn dik il-persuna, u ghalhekk il-Qorti bilfors trid tallacja l-komputazzjoni tal-weighted average mal-impatt illi d-diversi menomazzjonijiet li sofra l-appellant jista' jkollhom fuq il-kapacita lavorattiva u l-qliegh futur tieghu. Fil-fatt hija gurisprudenza kostanti tal-qrati Maltin illi l-percentwali ta' disabilita` li trid tigi stabbilita ma tirriflettix il-grad ta' inkapacita` f'sens purament mediku izda fuq l-effett illi din ghandha fuq il-qliegh tad-dannegjat."

41. Wara li rat l-atti din il-Qorti tqis li l-komputazzjoni tad-debilità permanenti magħmula mill-Ewwel Qorti tirrappreżenta suffiċjentement l-

impatt li d-debilità permanenti sofferta mill-appellanti jista' jkollha fuq il-kapaċità lavorattiva u l-qliegħ futur tagħhom u l-appellanti ma ressqu l-ebda argument li jista' jwassal lil din il-Qorti sabiex tibdel id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti f'dan ir-rigward.

42. Jifdal issa għalhekk li tiġi riformata l-likwidazzjoni ta' danni magħmula mill-Ewwel Qorti fir-rigward tal-attriċi sabiex tirrifletti r-riforma fil-grad ta' responsabbilità kontributorja magħmula minn din il-Qorti. Bħala *damnum emergens* l-Ewwel Qorti kkonsidrat li d-danni sofferti mill-attriċi huwa fl-ammont ta' €4,000. B'applikazzjoni ta' grad ta' responsabbilità kontributorja ta' 15% dan allura jwassal għas-somma ta' €3,400 li għandha titħallas mill-konvenut. Bħala *lucrum cessans* l-Ewwel Qorti kkonsidrat li l-attriċi sofriet danni ta' €54,579.096. Ikkonsidrat il-grad ta' responsabbilità kontributorja meqjus minn din il-Qorti, dan iwassal għas-somma ta' €46,392.23 li trid titħallas mill-konvenut lill-attriċi. Ma' din is-somma jrid jiżdied l-ammont ta' €21,250 rappreżentanti l-ispiża relatata max-xiri tal-mediċina Lyrica kif spjegat fil-paragrafi 33-36. Għaldaqstant is-somma totali li għandha titħallas lill-attriċi mill-konvenut hija fis-somma ta' wieħed u sebgħin elf u tnejn u erbgħin ewro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (€71,042.23).

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' limitatament l-appell tal-atturi appellanti u tirriforma s-sentenza appellata billi (i) tiddikjara li l-konvenut huwa responsabbli għal 85% tad-danni sofferti mill-attriċi b'konsegwenza tal-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri u (ii) tillikwida d-danni sofferti mill-attriċi fis-somma ta' wieħed u sebgħin elf u tnejn u erbgħin ewro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (€71,042.23) u tordna lill-konvenut iħallas l-istess somma ta' wieħed u sebgħin elf u tnejn u erbgħin ewro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (€71,042.23) lill-attriċi minflok is-somma likwidata mill-Ewwel Qorti, bl-imgħax dekorribbli mid-data tas-sentenza appellata sad-data tal-pagament effettiv, filwaqt li tikkonferma l-bqija tas-sentenza appellata.

L-ispejjeż ta' dan l-appell jitħallsu in kwantu għal 60% mill-konvenuti u 40% mill-atturi.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr